MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MALLIA TONIO

Seduta ta' 03 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 269/2001/1

**Korporazzjoni ghal Zvilipp ta' Malta**

**Vs**

**Crafts Creations Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-16 ta' Frar, 2001, li permess tieghu is-socjeta' konvenuta ppremettiet illi ilha tokkupa l-fabbrika RL11 li tinsab gewwa l-Qasam Industrijali ta' Rikasoli mit-2 ta' Jannar, 1984;

Ipremettiet illi s-socjeta' konvenuta ghandha thallas lill-Korporazzjoni attrici l-ammont dovut bhala arretrati ta' kumpens ghall-okkupazzjoni tal-fabbrika RL11 gewwa l-Qasam Industrijali ta' Rikasoli mill-1 ta' Settembru, 1993 sa l-1 ta' Lulju, 2001, skond il-prospett anness u mmarkat Dok A;

Ipremmettiet illi l-istess socjeta' konvenuta, minkejja li giet interpellata diversi drabi, permezz ta' ittra ufficjali ta' Jannar 1997 (Dok B) u Ottubru 1999 (Dok C), sabiex thallas kumpens ghall-okkupazzjoni kif dovuta *tramite* likwidazzjoni, baqghet inadempjenti;

Talbet ghalhekk is-socjeta' konvenuta ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara illi s-socjeta' konvenuta hija responsabbli ghall-hlas ta' l-arretrati ta' kumpens ghall-okkupazzjoni fuq il-fabbrika RL11, Qasam Industrijali, Rikasoli.

2. Tillikwida l-ammont ta' kumpens li ghandu jithallas lill-Korporazzjoni attrici mis-socjeta' konvenuta ghall-okkupazzjoni tal-fabbrika RL11, Qasam Industrijali, Rikasoli mill-1 ta' Settembru, 1993 sa l-1 ta' Lulju, 2001 skond il-prospett anness u mmarkat Dok A;

3. Tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta thallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma hekk likwidata *in linea* ta' kumpens ghall-okkupazzjoni.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi kontra s-socjeta' konvenuta, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Jannar, 1997 u Ottubru 1999, u tal-Mandat ta' Qbid, li qed jigi pprezentat kontestwalment ma' din ic-citazzjoni, li minn issa hi ngunta ghas-subizzjoni, u minghajr pregudizzju ghal ammonti ta' kumpens ohra dovuti mis-socjeta' konvenuta ghal skadenzi ohra.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet illi:

1. Preliminarjament "*lis alibi pendens*" u ghalhekk l-eccipjenti ma ghandhiex tbati l-ebda spejjez fir-rigward.

2. Bla pregudizzju ghas-suespost l-eccipjenti qatt ma cahdet illi l-Korporazzjoni attrici hi intitolata ghal xi forma ta' kumpens izda ma taqbilx mal-komputazzjoni maghmula mill-istess Korporazzjoni u dana ghar-ragunijiet

li diga' gew sollevati fil-kawza l-ohra u dwar liema ghadhom qed jingabru l-provi.

Salv, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-decizjoni ta' din il-Qorti tas-17 ta' Mejju, 2001, li *in forza* taghha laqghet l-ewwel eccezzjoni mressqa mill-kumpanija mharrka, iddikjarat ruhha mhux izjed kompetenti biex tkompli tisma' din il-kawza, u ghaddiet l-atti ta' din il-kawza lil din il-Qorti kif diversament presjeduta biex tissokta tinstema u tigi deciza mal-kawza fl-ismijiet "Staines nomine vs Falzon nomine" (citazzjoni numru 1316/93);

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat li din il-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza ghandha l-istess meritu bhal dik fl-ismijiet "<u>Staines nomine vs Falzon nomine</u>" li nstemghet kontestwalment ma din. Fil-fatt, iz-zewg kawzi ghandhom meritu identiku, fis-sens, li l-Korporazzjoni attrici qed titlob hlas ghall-okkupazzjoni li s-socjeta' konvenuta ghamlet ta' fabbrika RL11 fil-Qasam Industrijali ta' Ricasoli. Id-differenza hi biss fiz-zmien li ghalih qed jintalab il-kumpens. Fil-fatt, il-provi nstemghu fil-kawza l-ohra u t-trattazzjoni saret ukoll f'dik il-kawza, u din il-kawza setghet timxi mal-ohra tistenna biss l-ezitu taghha.

Fil-fatt, fil-kawza l-ohra intalab hlas ghall-perijodu mit-2 ta' Jannar, 1984, sat-30 ta' Gunju, 1993, fil-waqt li f'din il-kawza, il-kera mitlub ghandu jkopri, (biex ikun aktar preciz milli indikat fic-citazzjoni) l-perijodu mill-1 ta' Lulju, 1993, sat-30 ta' Gunju, 2001, cioe' perijodu ta' tmien snin. Il-kera pattwit hu ta' LM6900 fis-sena.

Illi ghal dak li tirrigwarda l-motivazzjoni 'l ghaliex din il-Qorti thoss li t-talba attrici ghandha tigi milqugha, issir

riferenza ghas-sentenza li din il-Qorti taghat illum stess fil-kawza fuq imsemmija, f'liema decisjoni hemm esposti r-ragunijiet ghaliex din il-Qorti waslet li tikkondividi t-talbiet attrici. Biex jigi evitat ripettuzzjoni, din il-Qorti taghmel riferenza ghal motivazzjoni f'dik is-sentenza li jghaddu wkoll ghal din.

Is-somma dovuta f'din il-kawza, tammonta ghal LM55,200, u wara li tnaqqas il-pagamenti akkont (LM5,547.72), igib li l-bilanc attwalment dovut huwa ta' LM49,652.28.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza, billi, prevja li tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' LM49,652.28 (disgha u erbghin elf, sitt mija u tnejn u hamsin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu) rapprezentanti kera tal-fabbrika in kwistjoni ghall-perijodu mill-1 ta' Lulju, 1993, sat-30 ta' Gunju, 2001, bl-imghaxijiet mid-data ta' kull skadenza.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mis-socjeta' konvenuta.

IMHALLEF

D/REG